MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2023

Appell Inferjuri Numru 42/2021 LM

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C 113)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Tapaz Malta Ltd (C 79769) u**
**Christopher McKay (K.I. nru. 32891(M))**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C 113)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] minn sentenza mogħtija fit-12 ta' April, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz

tagħha ddeċieda ir-rikors tagħha fil-konfront tal-intimati **Tapaz Malta Limited (C 79769)** u **Christopher McKay (K.I. nru. 32891(M))** [minn issa ’l quddiem rispettivament ‘is-soċjetà appellata’ u ‘l-appellat McKay’, u flimkien ‘l-appellati’] billi ċaħad it-talba tagħha fil-konfront tal-appellat McKay u laqa’ l-eċċezzjonijiet kollha ta’ dan tal-aħħar, filwaqt li kkundanna lis-soċjetà appellata sabiex tħallas lis-soċjetà appellanta s-somma ta’ elfejn, mitejn u żewġ Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€2,202.76), bl-imgħax skont il-liġi mid-9 ta’ Frar, 2021, sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali nru. 867/2020.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-każ odjern jirrigwarda ammont pretiż mis-soċjetà appellanta ta’ €2,202.76 kif indikat f’Dok. A[1] anness mal-Avviż tat-Talba, rappreżentanti prezz ta’ merċa mibjugħa u kkonsenjata lill-appellati. Dawn tal-aħħar kienu daħlu fi ftehim mas-soċjetà appellanta skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet espressi fil-*credit application form*[2]*,* annessa ukoll mal-imsemmi Avviż tat-Talba bħala Dok. B, fejn ingħataw faċilità ta’ kreditu għall-merċa mibjugħa u kkonsenjata lilhom. Madankollu huma naqsu milli jottemporaw ruħhom mal-kundizzjonijiet tal-ħlas.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà appellanta istitwiet dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal fil-konfront tal-appellati permezz tal-preżentata ta’ Avviż tat-Talba fid-9 ta’ Frar,

[1] *A fol.* 2 tal-atti tat-Tribunal.
[2] *A fol.* 3.

2021, fejn ressqet il-pretensjoni tagħha għall-ħlas ta' €2,202.76, flimkien mal-ispejjeż ta' dik il-proċedura, inklużi dawk tal-ittra ufficjali nru. 867/2020, u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-imsemmi Avviż sad-data tal-pagament effettiv.

4. L-appellat McKay eċċepixxa permezz tat-tweġiba tiegħu tad-29 ta' April, 2021: (a) huwa ma kienx il-leġittimu kuntradittur; (b) huwa ffirma l-*'credit application'* fil-kapaċità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà appellata; u (ċ) it-talba tas-soċjetà appellanta kienet infondata fil-fatt u fid-dritt.

5. Is-soċjetà appellata baqgħet kontumaċi.

## Id-Deċiżjoni Appellata

6. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> ***"Konsiderazzjonijiet***
>
> *Il-kawża odjerna si tratta fuq ħlas ta' merċa li ġiet mibjugħa u kkonsjenata lill-konvenuti, liema somma qatt ma ġiet imħallsa.*
>
> *Ikkunsidra li l-konvenut Christopher McKay kien irreġistra lis-soċjetà konvenuta fis-sena 2017 fejn jirriżulta li s-soċjetà konvenuta ġiet irreġistrata fit-28 ta' Frar, 2017 (fn. 9 A fol. 19 tal-proċess u a fol 38 tal-proċess rispettivament.). Il-konvenut Christopher McKay fix-xhieda tiegħu qal:*
>
> > … warajja daħal persuna ta' nazzjonalità Żvediza Patrick Bow Alfiden. Ilni mhux involut f'din il-kumpannija minn Frar / Marzu tal-2018.
>
> *Mir-Reġistru tal-Kumpanniji jirriżulta illi d-Direttur, rappreżentant legali u* rappreżentat ġudizzjarju huwa Bo Patrick Alfvegren (K.I. 39421A) filwaqt illi s-shareholder *hija Mindy Elsebeth Alfvegren (K.I. 183139A). (fn. 10 A fol 20 tal-proċess u a fol 39 tal-proċess rispettivament)*
>
> *Ikkunsidra x-xhieda ta' Rita Gatt li qalet:*

At a point in time ngħid illi s-soċjetà Tapaz avviċinat lis-soċjetà tagħna u talbet thirty days credit. Aħna konna aċċettajna. Ngħid li wara din l-aċċettazzjoni ġiet iffirmata credit application. Din il-credit application ġiet iffirmata minn Christopher McKay, u dan kemm f'ismu personali kif ukoll f'isem is-soċjetà intimata. Fuq mistoqsija tat-Tribunal ngħid illi aħna bħala parti mill-proċess tagħna għal credit application nitolbu illi min ikun qed jiġġestixxi n-negozju jkun reż anke hu personalment responsabbli. Ikun għalhekk illi l-credit application tiġi ffirmata f'ismu u f'isem il-kumpannija…

Qed issirli referenza għal fol 5 u naqbel ma' dak li qed jiġi suġġerit lili illi hemm kaxxa li trid tiġi mimlija mill-garanti personali. Naqbel ukoll illi f'dan il-każ din il-kaxxa ma mtlietx.

*Ikkunsidra l-*credit application *u l-awtorizzazzjoni għall-Informazzjoni tal-Bank u Referenza (fn. 11 A fol 3 et seq u 6 tal-proċess rispettivament) datati 31 ta' Mejju, 2017 u ffirmati mill-konvenut Christopher McKay. Ra li klawsola 8 tat-*Terms & Conditions of Credit *jgħid is-segwenti:*

8. Credit Terms Personal to Reseller. The Reseller accepts that any credit terms granted by the Creditor Company apply only to the Reseller and undertakes to inform the Creditor Company in writing, within 7 days, of any change in the ownership, management or responsibility of the business from which the Reseller sells the Products. The Reseller shall lose the benefit of the credit terms hereunder, in the event that the Reseller fails to inform the Creditor Company of any such change, or in the case of a breach of any clause in these Terms of Credit. *(fn. 12 A fol 4 tal-proċess.)*

*Ikkunsidra li l-konvenut Christopher McKay iffirma d-dikjarazzjoni li tgħid:*

I/we have read the attached terms of sale and accept and agree to comply with your payment terms of 60 days from invoice month end (unless otherwise agreed by you in writing) and to adhere to the credit limits imposed on each individual group company.

*I/we give my/our consent to initiate a debt recovery proċess to which I/we will cooperate fully. (fn. 13 A fol 5 tal-proċess)*

*Iżda ma ffirmax id-dikjarazzjoni li tgħid:*

The Guarantor hereby constitutes himself/herself, a joint and several debtor with the Reseller, in favour if the Creditor Company, which accepts, in respect of the Reseller's obligations under these Terms of Credit. All the parties to this Agreement that the Creditor Company has the right, at its option, to proceed for

the recovery of any balance due hereunder against either the Reseller or the Guarantor or against both the Reseller and the Guarantor at the same time.(fn. 14 Ibid.)

*Ikkunsidra li għalkemm hemm ksur tal-ftehim redatt bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut McKay għaliex ma jirriżultax li McKay informa lis-soċjetà attriċi bit-tibdil li sar fis-soċjetà konvenuta, ċertament ma jirriżultax illi l-konvenut daħal garanti personalment għal djun li seta' jew jista' jkollha s-soċjetà konvenuta.*

*Ikkunsidra li fl-iskrittura datata 4 ta' Settembru, 2018 (fn. 15 A fol 40.) Bo Patrick Alfvegren, filwaqt li għamel referenza għal kumpannija Tapaz Malta Limited iddikjara li:*

… I will personally irrevocably and unconditionally assume ALL responsibility and liability for any current or future claims, dues, debts, penalties, fees and interest related to TAPAZ Malta Ltd with regard to any suppliers, inland revenue, national insurance, vat and any other third party and/or government authority. I will assume ALL retroactive responsibility and liability of TAPAZ Malta Ltd. and will indemnify and keep indemnified Mr. Chris McKay holder of Identity card number 32891M and resident at 19, Triq il-Farfett, Marsa for all matters related to **TAPAZ Malta Ltd. for any present claims and any other claims which may arise in the future**

*Ikkunsidra li d-data tal-fattura għall-ammont reklamat mis-soċjetà iġġib id-data 14 ta' Jannar, 2021 u ċioe' data ferm wara l-iskrittura ffirmata minn Bo Patrick Alfvegren. Għalhekk jirriżulta li Bo Patrick Alfvegren assuma kwalunkwe debiti li kien hemm qabel l-4 ta' Settembru, 2018 u debiti futuri fir-rigward tas-soċjetà konvenuta Tapaz Malta Ltd.*

*Mill-fattura datata 14 ta' Jannar, 2021 jirriżulta illi tali fattura (fn. 16 A fol 2 tal-proċess.) ħarġet fil-konfront ta' Tapaz Restaurant & Bar, Tapaz Malta Ltd fl-ammont ta' elfejn, mitejn u żewġ Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€2,202.76) liema somma għadha dovuta. (fn. 17 Ara xhieda ta' Rita Gatt, a fol 32 tal-proċess, datata 22 ta' Settembru, 2021)".*

## L-Appell

7. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fis-26 ta' April, 2022, fejn qegħda titlobha sabiex:

> *"...tvarja s-sentenza appellata billi tikkundanna liż-żewġ debituri konvenuti, Tapaz Malta Limited u Christopher McKay, bħala debituri lejha* in solidum*, tas-somma kollha mitluba fit-Talba lit-Tribunal Għal Talbiet Zghra, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi fil-konfront tagħhom, u bl-imgħax legali, hekk kif dovut skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huma dawn: (a) it-Tribunal ċaħad it-talba tagħha li l-ammont huwa dovut *in solidum* flimkien mad-debitur l-appellat McKay; (b) it-Tribunal straħ in parti fuq il-fatt li l-*credit application* ma kinitx ġiet iffirmata mill-appellat McKay fil-parti li timtela u tiġi ffirmata mill-garanti; u (ċ) it-Tribunal ikkunsidra l-ftehim bejn Bo Patrick Alfragan għan-nom tas-soċjetà appellata u l-appellat McKay meta s-soċjetà appellanta ma kinitx parti minnu.

8. L-appellat McKay wieġeb fis-27 ta' Mejju, 2022 fejn sostna li din il-Qorti għandha tikkonferma d-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż.

9. Is-soċjetà appellata għażlet li ma tweġibx.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellat McKay.

11. L-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal ċaħad it-talba tagħha li l-ammont reklamat kien dovut *in solidum* mingħand is-soċjetà appellata u l-appellat McKay, u dan minkejja li l-prova kienet ċara. Tirrileva li mill-provi dokumentarji prinċipali esebiti minnha, u dan b'riferiment għall-

*credit application form*[3] li permezz tagħha issawret ir-relazzjoni bejn is-soċjetà appellanta u l-appellati, minn fejn kien jirriżulta li l-appellat McKay kien iffirma kemm f'ismu personali u anki bħala direttur, iżda dan il-fatt ġie skartat mit-Tribunal. Tirrileva li meta l-imsemmi dokument ġie ffirmat, l-appellat McKay kien rappreżentant legali u anki ġudizzjarju tas-soċjetà appellata, u għalhekk huwa kien iffirma d-dokument imsemmi. Is-soċjetà appellanta tissottometti li t-Tribunal injora għal kollox il-klawsola 10 tal-*credit application form* fejn tagħmel ċar li: (a) kull direttur jew azzjonist li jiffirma dan id-dokument ikun qed jintrabat personalment mal-kumpannija firmatarja b'mod solidali fir-rigward ta' kull ammont li jkun dovut; (b) min jiffirma ikun qed jobbliga ruħu personalment u *in solidum* mas-soċjetà li tkun qed tingħata l-kreditu; (ċ) l-obbligu jibqa' jgħodd ukoll fejn dik is-soċjetà tiġi xolta, stralċjata jew amalgamata ma' kumpannija oħra; u (d) ir-responsabbiltà personali u *in solidum* tibqa' wkoll f'każ li jinbidlu d-diretturi jew l-azzjonisti.

12. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal ikkunsidra li l-appellat McKay ma kienx iffirma wkoll dik il-parti tal-*credit application form* li għandha tiġi mimlija u ffirmata mill-garanti. Is-soċjetà appellanta tgħid li din il-parti timtela meta l-ammont ta' kreditu mogħti jkun wieħed sostanzjali u għalhekk hija kienet titlob għal garanti, iżda tispjega li dan ma kienx il-każ hawnhekk fejn din il-parti baqgħet vojta bi skop. Tispjega li hija fl-ebda waqt, kemm permezz tat-talba u anki fil-provi, ma wriet li l-ammont kien qiegħed jintalab mingħand l-appellat McKay bħala garanti.

[3] Dok. B a *fol.* 3.

13. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal kkunsidra skrittura privata bejn Bo Patrick Alfvegren f'isem is-soċjetà appellata u l-appellat McKay, f'liema skrittura hija ma kinitx tagħmel parti. Tirrileva li fil-klawsola 8 tal-*credit application form* kien hemm obbligu favur is-soċjetà appellanta bħala kreditriċi li tiġi nfurmata bil-miktub f'żmien sebat ijiem jekk ikun hemm tibdil *"in the ownership, management or responsibility of the business from which the reseller sells the products",* u fil-każ odjern dan ma sarx. Tikkontendi li kwalunkwe ftehim li sar mill-appellat McKay mad-debitur l-ieħor, m'għandux inaqqas jew iħassar id-drittijiet tagħha *ai termini* tal-artikolu 1096 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili f'każ fejn ikun hemm debituri *in solidum.* Is-soċjetà appellanta ssostni li hawnhrkk it-Tribunal iddipartixxa mill-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza, li kwalunkwe skrittura bejn żewġ partijiet ma tistax tħassar u tirrevoka obbligazzjoni tad-debituri *in solidum* mal-kreditur tagħhom. Għalhekk tissottometti li mhux rilevanti l-fatt li l-fattura li għaliha kien qed jintalab il-ħlas, saret wara d-data tal-ftehim privat bejn l-appellati.

14. Il-Qorti tgħid li s-soċjetà appellanta għandha raġun. Mill-*credit application form* jirriżulta ferm ċar u inekwivoku li kemm is-soċjetà appellata kif ukoll l-appellat McKay, intrabtu b'mod solidali magħha skont l-obbligi hemm imfissra. Tibda billi tirrileva li d-definizzjoni ta' *'reseller'* mhijiex limitata għas-soċjetà appellata biss, iżda tħaddan ukoll lid-direttur u lill-azzjonist tagħha, li fil-każ odjern mill-istess ftehim u mill-kopja tal-*authorisation for bank information & reference*[4], jirriżulta li f'dak iż-żmien kien proprju l-appellat McKay. B'hekk it-termini u l-kundizzjonijiet li jsegwu l-ewwel artikolu tal-ftehim, għandhom

[4] *A fol.* 6.

ikollhom l-effett li jorbtu wkoll lill-appellat McKay, anki permezz tal-obbligu tal-ħlas skont il-kundizzjonijiet hemm imfissra.

15. Għalhekk meta t-Tribunal ikkunsidra li kellu jiċħad it-talba tas-soċjetà appellanta fil-konfront tal-appellat Mckay, u dan wara li kkunsidra li dan tal-aħħar ma kienx iffirma d-dikjarazzjoni tal-garanti fil-ftehim in kwistjoni, u li naqas li jinforma lis-soċjetà appellanta bil-bidla li saret fis-soċjetà appellanta u l-iskrittura privata bejn l-istess appellat McKay u Bo Patrick Alfvegren, huwa ma kellux raġun. Tirrileva li dawn it-tliet fatturi kienu kollha irrilevanti fid-deċiżjoni tal-mertu li jistrieħ fuq il-kwistjoni jekk l-appellat McKay għandux jitqies bħala marbut solidalment mas-soċjetà appellata fil-konfront tas-soċjetà appellanta abbażi tal-pattijiet u tal-kundizzjonijiet elenkati fil-*credit application form.*

16. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal ma kkunsidrax l-obbligi tal-appellat McKay f'dan il-kuntest, u minflok kkunsidra obbligi oħra ineżistenti bħal fil-każ tal-garanti li huwa istitut ieħor fil-liġi, li kif jirrileva t-Tribunal stess, mhuwiex applikabbli fil-każ odjern ġaladarba s-sezzjoni relattiva tal-*credit application form* ma kinitx ġiet iffirmata. Jew ikkunsidra obbligi irrilevanti fiċ-ċirkostanzi bħal fil-każ (a) tan-nuqqas fl-obbligu ta' informazzjoni skont l-artikolu 8 tal-ftehim, li l-effett tiegħu kien wieħed tat-telf tal-benefiċċju tal-ħin; u (b) tal-effetti tal-iskrittura privata fuq imsemmija, li ċertament ma setgħet ikollha l-ebda effett fuq l-obbligi tal-appellati fil-konfront tas-soċjetà appellanta skont il-*credit application form,* ġaladarba hija ma kinitx tagħmel parti minn dak il-ftehim.

17. Il-Qorti tagħlaq billi tirileva li anki l-artikolu 10 tal-imsemmi dokument ma jħalli l-ebda dubju dwar kif għandha tiġi deċiża l-eċċezzjoni tal-appellat McKay għaliex din tgħid espressament li:

> *"...the Director/s and/or Shareholders of the Reseller signing this agreement, bind themselves personally to the Creditor Company, which accepts,* in solidum *together with the private Company, the performance of all the obligations under these Terms and Conditions of Credit. In particular, and without prejudice to the generality of the above, they shall be personally liable, for the repayment of all overdue payments and interest due to the Creditor Company under this agreement. In the absence of any other agreement, this personal liability will subsist even if the private Company is liquidated, wound-up, amalgamated with another Company or converted, and notwithstanding any change in the names of the Directors and/or Shareholders* ***after the signing of this agreement*** *and/or in the running of the business."* (enfażi tal-Qorti).

18. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-aggravji tas-soċjetà appellanta huma mistħoqqa, u b'hekk tilqagħhom.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tas-soċjetà appellanta, filwaqt li tbiddel id-deċiżjoni appellata, u tikkundanna lill-appellati solidalment għall-ħlas tas-somma pretiża mis-soċjetà appellanta, flimkien mal-ispejjeż kollha tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u dawk istanti, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali nru. 867/2020 tas-7 ta' Mejju, 2020, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**